IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

31 ta' Jannar 2015

15/2015

**POSTIJIET GHAT-TFAL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-EWWEL SENA KINDERGARTEN**

Fit-2, it-3 u d-9 ta' Frar ser jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tat-tielet kriterju "Applikanti Oħra" għall-ewwel sena kindergarten għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2015-2016. Aktar dettalji jinsabu fir-Regolamenti tad-Dħul li jinsabu fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta.

F'Novembru 2014 saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Settembru 2015 għas-sena skolastika 2015-2016. Hawn taħt qed nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għall-Ewwel Sena Kindergarten.

**L-Ewwel Sena Kindergarten Subien**

It-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten subien huwa ta' erbgħa u sittin (64) post.

Għall-ewwel sena kindergarten subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 31 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 5 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 1 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 2 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | 39 |

Mal-postijiet okkupati qed jiġu riżervati żewġ postijiet għal tfal li meta huma jew il-ġenituri tagħhom ġew Malta applikaw għall-ażil (refuġjati). **Meta mit-total ta' postijiet vakanti (64) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (39), dan iħalli total ta' ħamsa u għoxrin (25) post vakanti.**

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Fost l-applikanti oħra jkun hemm ukoll aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa

jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet**

It-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten bniet huwa ta' wieħed u disgħin (91) post.

Għall-ewwel sena kindergarten bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 2 |
| *1b Aħwa* | 54 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 4 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 1 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | 61 |

**Meta mit-total ta' postijiet vakanti (91) innaqqsu n-numru ta' applikanti (61), dan iħalli total ta' tletin (30) post vakanti.**

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Fost l-applikanti oħra jkun hemm ukoll aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Konklużjoni**

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li m' għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi ppreżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan, il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha kkonċernati.